# LEJLA TAL-QAMAR

Ħelwa fuq wiċċ il-baħar
tinfirex trîq ta' dija,
tasal mil-bogħ'd xi għanja
ta' mħabba ta' sbuħija;
u bejn il-mewġ li jbewwes
il-blat għeri w sabiħ,
xi ħlewwa! ħut tal-fidda
jimraħ, hemmekk, fil-qiegħ.

Tħaddar l-egħlieqi, u xxerred
fweħetha kullimkien,
tmelles ħafifa l-fewġa
kull warda ġewwa l-ġnien;
xi għasfur lejli jgħanni,
o x'għanja, ġmiel-il-Ġenna:
kull fomm jidher jitbissem,
ħelwa kull qalb tithenna.

Ma' tul ix-xtajta mdawwla
jiġru kelmiet ta' mħabba,
jiżfnu xbejbiet u żgħażagħ,
ferħana, qatt imxabba;
u l-oħla sebħ tal-ħajja
jarġa' dwarhom mil-ġdid,
u jixgħel bews-il-hena,
f'qalbhom tama ta' ġid.

Qamar sabiħ t'Awwissu,
l-għala bikri tħallina?
B'dawlek ir-raħal thenni,
tqanqal l-imħabba fina.
Nixtiequ dawl u dija
fuq baħar, fuq għoljiet,
tfajliet fin-namra jgħannu,
fis-sikta tal-għodwiet.

Għax, Qamar, xħin tintefa
noħolmu xita qliel;
mill-frott teħfief is-siġra,
sfajjar il-ward jidbiel;
l-għanja ta' sliem u benna
siekta madwarna tnin,
il-ħolm u x-xewqa jifdal
tal-jiem sbieħ u ħelwin.

Ġużi Chetcuti

Wied-il-Għajn—Awwissu 1934.